# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum: 6 ta' Marzu, 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
vs
**Rajendra Paudel**

Il-Qorti

**Rat l-imputazzjonijjet fil-konfront ta' Rajendra Paudel, iben il-mejjet Tikaram Jaisi u Bhabani Jaisi, residenti gewwa Flat 2, Pearlcourts, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Haz Zebbug, u detentur tal-passaport Nepaliz bin-numru 10078746, twieled gewwa Syangja, In-Nepal nhar is-7/May/1984.**

**Talli nhar il-29 ta Novembru 2023 u, jew fix-xhur ta qabel gewwa L-Identita Agency, Triq il-Wied, Msida:**

1. Sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tagh tagħrif falz;

2. Ghamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement ghamlel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fil-Kodici Kriminali;

3. Dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet ta’ dan l-Att (l-Att dwar l-Immigrazzjoni), tagħ jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta’ fatti foloz.

Rat d-dokumenti ezebiti mal-prezentata taht arrest.

Rat li fit- 30 ta’ Novembru 2023 l-imputata infurmat lil Qorti li ma tifhimx bil-lingwa Maltija izda jifhem bil-lingwa Hindi. Il- Qorti hatret lil Sirkar Piyali mill-lingwa Ingliza ghal dik Hindi u vice versa  u Emelde Fede biex titraduci bhala interpretu mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza u vice versa  Fl-istess seduta l-ispettur Eman Hayman that gurament qara u pprezenta l-akkuza kontra l-imputat;

Rat li d-difensur tal-imputata ma huwiex qed jikkontesta l-validita’ tal-arrest u l-Qorti wara li semghet lil Ispettur jispjega c-cirkostanzi li wassal ghal arrest tal-imputat tqis li l-arrest huwa gustifikat u gie ezegwit skont il-ligi u ghalhekk qed tikkonfermah.

Rat li l-imputat ddikjara li mhux hati tal-akkuzi migjubha kontra tieghu ;

Rat l-artikoli Art. 188 u 189 u 32(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda kollha inkluz li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni

4. Rat li il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Patrick Bugeja, xehed hekk**

Pros: Mela inti ghaliex gejt imsejjah quddiem din il-qorti u nel frattemp sinjura kemm nitlob il-proċess ħa niffaċilita ix-xhieda għidilna xiex ġejt imsejjaħ għax.

Xhud: Irċevejna taħrika il-compliance unit identità.

Pros: U fejn qieghed l-Identità?

Xhud: L-Imsida.

Pros: X'tip ta' lmenti rċevejtu jew rapport?

Xhud: L-involviment kien meta ġejna msejħa mill-front desk fejn kellhom suspett li kien hemm kien hemm din tat-trasport liċenzja tat-trasport internazzjonali li kienet falza u inżilna u vverifikajna li vera kienet falza għax kienet.

Qorti: Kif ivverifikajt?

Xhud: L-ewwel li ma tigi ivverifikata iċ ċippa li tidher fuq il-card kienet printed mhux cippa minn hemm beda s-suspett.

Pros: Mela inti qed tghdi li dan kollu sehh l-Identita` ?

Xhud:     Iva.

Pros:     Dan id-dokument tad-driving license x`kien il-bzonn li jigi ipprezentat?

Xhud:     Għax parti mir-requirements ta' single permit għall-permess tiegħu. Single permit hija li  biex jikseb l-impjieg tiegħu hawn Malta.

Pros:     U x`jikseb mill-Identita` fiżikalment x'jikseb?

Xhud:     Bħala dokumenti hemm bosta dokumenti hu bejn il-liċenzji għax hu kien applika biex ikun driver passaport, tat twelid u iktar dokumenti.

Pros:     U dawn id-dokumenti fl-aħħar tal-istorja x'jakkwista kwalunkwe individwu?

Xhud:     Il-permess tax xogħol.

Pros:     F' liema forma tkun jiġifieri dan il-permess tax-xogħol.

Xhud:     Card ta' residenza, bhal id card.

Pros:     Issa mela qed nurik xi dokumenti mill-proċess a fol numru 10 qed tiġi muri fotokopja ta' xi dokumenti tista' tgħidli jekk intix qed tagħrafhom dawk id-dokumenti?

Xhud:     Iva. X'inhuma daWk id-dokument jekk jogħġbok?

Xhud:     Hawn driving licence orrajt.

Pros:     Jiġifieri inti f'ħin minnhom trid tixhed fuq xi driving licence dawn id-dokumenti għarafthom jiġifieri dawn id-dokumenti x'inhuma?

Xhud:     Tajbin, huma dawk id-dokumenti li rajt.

Pros: Se norik zewg dokumenti mhux ipprintjati tista' tgħidlek intix qed tara f'dawn id-dokuemnti DOK 17 u qed nohrog zewg dokumenti minnu, Mela ibda bl-ewwel dokument bil kulur blu x'inti taraf f`dak id-dokument?

Xhu: Liċenzja internazzjonali tas-sewqan.

Pros: Orrajt u x'hemm x'rajt fiha ħażin?

Xhud: Le din ma rajna xejn hazin ahna fl-ohra rajna hazin.

Pros: Orajt, Mela issa ħa nurik it-tieni dokument kulur aħdar maħruġ minn a fol 17, X'inhu dak id dokument?

Xhud: Liċenzja tas-sewqan tan-Nepal.

Pros: u iktar minn hekk, x'inti tara dik il-liċenzja tan-Nepal?

Xhud: Le li rajna aħna ġie nnotat li iċ-ċippa hija printed mhux cippa u dettalji huma ma jaqblux mal-passaport ta' fuqha.

Pros: Orajt u f'liema naħa qiegħda din iċ-ċippa li mhijiex qiegħda printjata skond kliemek?

Xhud: Quddiem fil-wiċċ fejn hemm il-biometrics xekllug.

Pros: Apparti dawn id-dokumenti ha norik xi dokumenti ohra, a fol 11 jekk intix qed tara f'dan id-dokument jekk jogħġbok?

Xhud: Dan email mill-kollega tiegħi li qed jirrapporta il-dokumenti foloz.

Pros: A fol numru 12 13 u 14 li huwa l-istess dokument u anka a fol 15 l-istess dokument ara jekk hux qed taraf dawk id-dokumenti?

Xhud: Il-lease agreement tiegħu,

Pros: Ta' min?

Xhud: Dan ma giex f`idejja ma ccekkjajtux.

Pros: Ok ma gara xejn, Mela issa inti ġejt tixhed fuq persuna li ppreżentat din id0driving license ghedtilna qed tuża kliemek falza għandek xi dettalji fuqek biex turina min hu dan il-persuna?

Xhud: Għandna d-dettalji kollha li issabbmittja fis-sistema ta' Identità.

Pros: U intom x`irrapurtajtu il-pulizija meta inti qed tghid illi sibtu dan id-dokument irrejalizzajtu li dan id-dokument huwa falz?

Xhud: Aħna ċempilna lil,

Qorti: Int cempilt jew xi hadd mid-dipartiment?

Xhud: Le kollega tieghi qieghed hawn.

Avu: Mela sinjur inti gejt muri zewg kopji tal-licenzji tas-sewqan tajjeb wahda blu issa l-ewwel wahda li gejt muri l-international driving license ara naqblux li inti ghedtilna li m'hemmx problemi fuqha hux hekk?

Xhud: Ma ġibditilniex l-attenzjoni li kien hemm xi ħaġa ħażina fuqha.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li il-kas tal-prosekuzzjoni hu ibbazat fuq xhud li ma jghidx bic-car minn liema_entita qed jixhed, dokumenti fotokoppjati, assersazzjonijiet li dokumenti huma foloz minghajr prova li dawn id-dokumenti huma attwalment foloz.

Inoltre, il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax li l-imputat kellhu l-intenzjoni (*mens rea*) li jaghmel att kriminінuz meta hu tramite terz li ghamel l-arrangjamenti u ffirma dokumenti sabiex tigi processata l-applikazzjoni. Hu car li kien hemm terzi involuti, u irrizulta ukoll li ma jifhimx la bil-lingwa Ingliza u l-anqas bil-lingwa Maltija tant li kellhom jinhatru zewgt traditturi f' kull seduta.
F'dawn ic-cirkostanzi mhux ippruvati imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' Art. 188 u 189 u 32(1)(c)tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Rajendra Paudel** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**